# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 25 ta' Gunju 2001**

**Avviz. numru 432/97**

**Numru 28**

**Vincent Magro**

**vs**

**Maha Mohammed Izziddi Bek Derna**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid li ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fis-26 ta' Awissu 1995 fil-limiti ta' B'Kara waqt li l-konvenut kienet qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni PV 227586, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li hija habtet

mal-vettura numru F-7866 propjeta tal-attur u dak il-hin kienet qed tinsaq minn ibnu Adrian Magro.

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' hames mija u tmintax il-Lira Maltin u sitta u hamsin centezmi (Lm518.56,0) jew somma ohra verjuri okkorendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali tas-19 ta' Gunju 1996 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni u ta' ittra ufficjali ohra ippresentata ma l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta li biha eccepiet (a fol 14 tal-atti):

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ghall-incident kien unikament responsabbli Adrian Magro li kien qed isuq il-vettura tal-attur, stante imperizja, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe kaz, iridu jigu verifikati l-allegati danni.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat dak verbalizzat a fol 57 tal-atti in rigward il-"quantum" tad-danni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi Adrian Magro li kien qed jsuq il-"van" ta' missieru, l-attur odjern, xehed (fol 27 et seq tal-atti) li kien qed jsuq fl-hekk imsejjha "by pass" ta' Birkirkara, sejjer fid-direzzjoni tal-Imsida. Waqt li kien fil-"lane" ta' gewwa, giet karozza ohra ma genbu ossija fuq il-"lane" ta' barra, tal-lemin. Hawnhekk hu jsostni li l-konvenuta giet minn warajh b'velocita qawwija u mill-"lane" ta' barra, gibdet lejn in-naha ta' gewwa u b'hekk il-vettura taghha laqtet il-"van" tieghu fuq il-genb ta' wara tal-lemin. In rigward dan, pero', hu specifika li ma kienx ra lill-konvenuta gejja fuq in-naha ta' wara tieghu waqt li kienet fuq il-"lane" ta' barra. Hu kien gie informat b'dan minn Christopher Cuschieri li kien qed jsuq ma genbi. Difatti dan xehed (fol 29 et seq tal-atti) li Adrian Magro kien qed jsuq bil-mod waqt li hu kien ma genb l-istess Magro "fuq il-lane

mas-central strip" f'karozza jew "Mini Minor jew Fiat 127 sewda". Hawnhekk minn gol-mera, hu ra karozza gejja minn warajh fuq l-istess "lane" tieghu. Hu kompla jghid "Kif sabet lili marret ghal fuq il-"lane" l-iehor u dahlet gol "van" ta' Magro". Jigi notat li dan ix-xhud specifika 'Lil Magro jien ma kontx nafu qabel l-incident" u "Naf li l-attur kien minn Birkirkara pero' ma nafux bhala habib tieghi".

Ikkunsidrat

Illi gew esebiti in atti kemm l-iskizz kemm kopja tar-rapport relattivi ghal dan l-incident (fol 36 sa 38 tal-atti). Mill-istess rapport jidher li Adrian Magro kien ta' l-istess versjoni lill-ufficjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz, bhal ma xehed quddiem din il-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, oltre li esebiet ir-ritratti (fol 35 tal-atti) mehudin, wara l-incident, minn missierha (fol 33 u 34 tal-atti) xehdet li kienet qed issuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq fejn hemm bankina bis-sigar (ara l-imsemmi skizz). Hawnhekk fi kliemha stess " All of a suddden, rajt karozza hierga quddiemi (angolatata) liema karozza ("van") waqfet quddiemi". Difatti quddiem il-Qorti hi sostniet li l-"van" misjuq minn

Adrian Magro hareg mix-xellug taghha fejn hemm l-imsemmija sigar. Mill-imsemmi <u>rapport</u> jirrizulta li l-konvenuta qalet is-segwenti lill-istess ufficjal tal-Pulizija ".... qalet li waqt li kienet ghaddejja, bil-mod fil-linja ta' gewwa meta f'daqqa wahda, il-van li kien fl-istess linja ta' gewwa, dar lejn il-lemin imblokkalha il-passagg liberu u habtet ma' wara.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif jidher mill-premess, hemm f'dan il-kaz <u>zewg versjonijiet</u> konfliggenti bejniethom u ghalhekk il-Qorti rat jekk hemmx xi prova oggettiva u imparzjali sabiex isostni il-versjoni moghtija minn Adrian Magro. In konnessjoni, ma dana giet analizzata x-xhieda ta' Christopher Cuschieri, kif hawn fuq sintetizzata. In rigward dan ix-xhud prodott mill-attur u li sostna li qabel l-incident ma kienx jaf lil Adrian Magro u ma kienx habib ta' dan, issir referenza ghal fol 30 tal-atti fejn hu stess xehed testwalment "Jien lanqas ma tajt ismi u kunjomi lil Magro l-attur. Jien ma nafx kif jew il-Puliizja jew l-attur ottjenew l-indirizz tieghi. Jien ircevejt karta minn l-Avukat Dr Louis Bianchi" (ara fol 21 tal-atti). Difatti, ismi, kunjomi u l-indirizz tar-residenza tieghi ma humiex imnizzlin fir-rapport tal-Pulizija, Ghalhekk, hawnhekk, jqum id-dubbju fondat dwar jekk, filfatt, l-istess xhud ma kienx habib ta' Adrian Magro qabel l-incident, kif hu jsostni fix-xhieda

tieghu. Minhabba hekk il-Qorti tara li ma tistax titratta dan ix-xhud bhala wiehed imparzjali.

Illi fin-nuqqas ta' provi kif hemm fuq deskritta il-Qorti tara li l-attur, permezz tal-provi prodotti ma ippruvax fuq bilanc ta' probabilta dak li qed jallega fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici b-ispejjes kontra l-istess attur.

Alan Calleja
Dep.Reg